



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 12 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

10235/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0130(NLE)

AELE 44
EEE 36
N 39
ISL 37
FL 51
MI 516
ECO 65
INST 166

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	11 ta' Ġunju 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 269 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda tal-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 269 final.

Mehmuż: COM(2019) 269 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.6.2019
COM(2019) 269 final

2019/0130 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea,
fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda tal-Anness II (Regolamenti tekniċi,
standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

L-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta) għandu l-għan li jemenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE sabiex jinkorpora d-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati u li tħassar id-Direttiva 2001/37/KE.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam tal-politika**

L-abbozz anness tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt jestendi l-politika tal-UE diġà eżistenti għall-Istati taż-ŻEE-EFTA (in-Norveġja, l-Iżlanda u l-Liechtenstein).

- **Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni**

L-estensjoni tal-acquis tal-UE għall-Istati taż-ŻEE-EFTA, permezz tal-inkorporazzjoni fil-Ftehim ŻEE, titwettaq f'konformità mal-objettivi u mal-prinċipji ta' dan il-Ftehim li jimmiraw lejn l-istabbiliment ta' Żona Ekonomika Ewropea dinamika u omoġena, ibbażata fuq regoli komuni u kundizzjonijiet ugwali ta' kompetizzjoni.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-leġislazzjoni li se tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE hija bbażata fuq l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu.

L-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94¹ dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ŻEE jipprevedi li l-Kunsill jistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tiġi adottata fisem l-Unjoni fir-rigward ta' Deċiżjonijiet bħal dawn, wara proposta mill-Kummissjoni.

- **Sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà għar-raġuni li ġejja.

L-objettiv ta' din il-proposta, jiġifieri li tiġi żgurata l-omoġeneità tas-Suq Intern, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista' għalhekk, minħabba l-effetti, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni.

Il-proċess tal-inkorporazzjoni tal-acquis tal-UE fil-Ftehim ŻEE jitwettaq f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea li jikkonferma l-approċċ li ttieħed.

- **Proporzjonalità**

F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, din il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq l-objettiv tagħha.

¹ ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6–8

- **Għażla tal-istrument**

F'konformità mal-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, l-istrument magħżul huwa Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE. Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jenħtieġ li jiżgura l-implimentazzjoni u t-tħaddim effettiv tal-Ftehim ŻEE. Għal dan il-għan jenħtieġ li jieħu deċiżjonijiet fil-każijiet previsti fil-Ftehim ŻEE.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex-post/kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

4. IMPLIKAZZJONI GĦALL-BAĠIT

Ma hemm l-ebda implikazzjoni għall-baġit mistennija bħala riżultat tal-inkorporazzjoni tad-Direttiva 2014/40/UE fil-Ftehim ŻEE.

5. ELEMENTI OĦRAJN

L-adattamenti ewlenin mitluba min-naħa tal-EFTA

Adattament (a): Huwa importanti li jiġi żgurat li l-Kummissjoni jkollha aċċess għad-data u għall-informazzjoni, kif previst fl-Artikolu 5(7). Adattamenti aktar preċiżi, jekk meħtieġ, se jiġu inklużi fid-Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt relatati mal-leġislazzjoni ta' implimentazzjoni tad-Direttiva 2014/40/UE.

Adattament (b): Minħabba restrizzjonijiet kostituzzjonali fl-Istati taż-ŻEE-EFTA, mhuwiex possibbli li jiġu debitati tariffi direttament mill-Kummissjoni. Is-soluzzjoni proposta hija konformi mal-istruttura mibnija fuq żewġ pilastri tal-Ftehim taż-ŻEE.

Adattament (c): In-Norveġja kellha eżenzjoni mill-projbizzjoni tat-tabakk għall-użu orali sa mill-1994. Meta wieħed iqis li t-tabakk għall-użu orali huwa prodott stabbilit fis-suq Norveġiż użat minn 14 % tal-popolazzjoni (Statistics Norway, 2017), din l-eżenzjoni għadha ġġustifikata. Biex tindirizza ċ-ċirkostanzi nazzjonali speċifiċi fin-Norveġja sostnuti minn statistika dwar ir-riskji għas-saħħa relatati mal-użu tat-tabakk orali u x-xejriet tal-użu tiegħu (spjegat hawn taħt), in-Norveġja tixtieq iżżid twissija alternattiva tas-saħħa għal tabakk għall-użu orali.

L-użu tat-tabakk għall-użu orali żdied b'mod drammatiku fin-Norveġja fl-aħħar 10 -15-il sena, speċjalment fost iż-żgħażaġh. Ftit aktar minn għaxar snin ilu, ftit żgħażaġh u ftit li xejn nisa kienu użawh. Issa, fost daww ta' bejn 16 u 24 sena, 33 % tas-subien u 18 % tal-bniet fin-Norveġja jużawh, u ma hemmx sinjali li din ix-xejra se tieqaf. Fl-Iżvezja, il-pajjiż l-ieħor fejn huwa permess il-bejgħ tat-tabakk għall-użu orali, mhijiex osservata l-istess żieda fost in-nisa żgħażaġh, għalhekk din hija ċirkustanza nazzjonali partikolari għan-Norveġja.

Barra minn hekk, fin-Norveġja huwa stmat li 20 % tal-utenti nisa jibqgħu jużaw it-tabakk orali waqt it-tqala. Hemm evidenza konvinċenti li l-użu tat-tabakk orali waqt it-tqala jista' jwassal għal tnaqqis fil-piż tat-tarbija, żieda fir-riskju ta' twelid prematur u ta' twelid mejjiet. Hemm ukoll indikazzjonijiet li dan jista' jikkontribwixxi għal pre-eclampsia u jżid ir-riskju ta' nuqqas fis-sistema respiratorja fost it-trabi tat-twelid u ta' malformazzjonijiet tax-xoffa jew tal-palat. Bl-użu fost in-nisa żgħażaġh li qed jiżdied b'rata mgħaġġla, ir-riskju ta' nisa

tqal li jużaw l-isnus x'aktarx li se jiżdied fis-snin li ġejjin. Il-konsegwenzi jistgħu jkunu żieda fi tqala b'diffikultajiet u fid-disturbi tal-iżvilupp tal-fetu u tat-trabi.

Minħabba ċ-ċirkostanzi nazzjonali speċifiċi fil-pajjiż, in-Norveġja jenħtieġ li tkun libera li tippermetti t-twissija alternattiva dwar is-saħħa għat-tabakk għall-użu orali li jitqiegħed fis-suq fin-Norveġja.

Adattament (d): Fin-Norveġja, il-bejgħ tat-tabakk għall-użu orali huwa permess minħabba li hemmhekk dan huwa prodott tradizzjonali tat-tabakk. Din l-eżenzjoni għandha tibqa' fis-seħħ.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda tal-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea², u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea³ ("il-Ftehim ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.
- (2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jiddeċiedi li jemenda, *inter alia*, l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE.
- (3) Id-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ trid tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (4) Għaldaqstant jenħtieġ li l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan.
- (5) Għaldaqstant jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta għall-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni)

² ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

³ ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

⁴ Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati u li tħassar id-Direttiva 2001/37/KE, kif ikkoreġuta minn ĠU L 150, 17.6.2015, p. 24.

tal-Ftehim ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE meħmuż ma' din id-Deċiżjoni

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President